MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2006

Numru. 1039/2003

**Il-Pulizija**

**(Spettur Norbert Ciappara)**

**versus**

**Nicholas Alexis Borg**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Nicholas Borg ta’ 20 sena mwieled Pieta’ fil-25 ta’ Settembru, 1983 iben Alexander u Rita nee Decelis residenti 27, Pia Louis Court Flat 1 Sir Henry Bouverie Street, Gżira, detentur tal-karta ta’ l-identita’ 491583 (M)

Akkużat talli

(a) Fil-21 ta’ Diċembru 2003 fl-iStrand il-Gżira għall-ħabta tal-kwarta ta’ wara nofs in-nhar bil-ħsieb li jikkommetta

reat u cioe' offiża ta' natura gravi u permanenti fuq il-persuna ta' Saviour Spiteri PC 1553 u PC 18 Christian Mifusd, uffiċjali tal-Pulizija, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi saq vettura IAM 649 Mazda 323 fid-direzzjoni ta' l-istess PC 1553 Saviour Spiteri u PC 18 Christian Mifsud, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;

(b) U aktar talli fil-21 ta' Diċembru 2003 fl-iStrand il-Gżira u Manoel Island il-Gżira għall-ħabta tal-kwarta ta' wara nofs in-nhar, volontarjament ħassar, għamel jew għarraq ħwejjeġ ħadd ieħor, mobbli jew mmobbli, u cioe' ħsara fil-vettura tal-Pulizija bin-numru GVP 448 u liema ħsara hija ta' anqas minn ħames mitt lira Maltija u dan għad-detriment tal-Gvern ta' Malta;

(ċ) U talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' PC 1553 u PC 18 persuni nkarigati skond il-Liġi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-Liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-Liġi minn awtorita' kompetenti bi ksur ta' l-artikolu 96 u 97(a) tal-Kodiċi Kriminali;

(d) U talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq il-vettura IAM 649 ta' marka Mazda bi spid eċċessiv, manjiera perikoluża, negliġenti u traskurata u bla kont u dan bi ksur ta' l-artikolu 15 (1)(a) (2) 18(2) tal-Kap 65;

(e) U talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq l-istess vettura b'ġiri aktar milli jmissu bi ksur ta' l-MVR 127;

Il-Prosekuzzjoni titlob sabiex jekk tinstab ħtija Nicholas Borg ikun skwalifikat minn kull liċenzja tas-sewqan;

(f) U talli fl-istess data. ħin, lok u ċirkostanzi naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi tal-Pulizija jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku (Pulizija) fil-qadi ta' dmirijietu u dan bi ksur ta' l-artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Il-Qorti ntalbet li tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 u tordna lill-imputat li jħallas l-ispejjeż ta’ l-esperti f’każ ta’ sejbien tal-ħtija.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż ir-risposta mogħtija fit-22 ta’ Diċembru, 2003 mill-imputat illi huwa ma kienx ħati għall-akkużi miġjuba kontrih, iċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu li jġib in-numru 4915/1983, il-fedina penali ta’ l-imputat, it-talba għall-korrezzjoni fl-akkuża numru 2 magħmula mill-Prosekuzzjoni stess a fol. 15, il-bidla fid-data mitluba mill-Ispettur Norbert Ciappara waqt li kien qed jiddeponi a fol. 21, nhar is-16 ta’ Jannar, 2004 (sabiex minflok id-data ta’ l-20 tidher dik tal-21), il-kopja ta’ l-istqarrija ta’ l-imputat magħmula fl-20 ta’ Diċembru 2003, l-okkorrenza a fol. 42, l-iskeċċ li jidher a fol. 46, il-prova illi Christian Mifsud u Saviour Spiteri huma membri tal-Pulzija (fol. 52 sa 58), u r-rapport ta’ l-Ispiżjar Forensiku, Mario Mifsud a fol. 102 tal-proċess.

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

5. Semgħet it-trattazzjoni ta’ l-abbli prosekutur u l-abbli difensur.

Ikkonsidrat

6. Skond ix-xhieda ta’ l-Ispettur Norbert Ciappara, fil-21 ta’ Diċembru, 2003, kienu ġibdulu l-attenzjoni illi s-CID kienu avviċinaw persuna li kienet Manoel Island u dan qabad u saq. Huma ppruvaw iwaqqfuh u daqqew is-sirena. Meta waqqfuh baqa’ dieħel fil-karozza tagħhom. Huma kienu rawh jarmi xi oġġetti relatati ma’ l-abbuż tad-droga, fosthom pakkett tas-citric acid. L-imputat kien qal li dak il-ħin kien beża’ u pprova jaħrab minn fuq il-post. L-imputat kien qal illi huwai kien jaf li seta’ weġġa’ lill-Pulizija, pero’ bl-ebda mod ma ried iweġġagħhom.

7. Fl-istqarrija ta’ l-imputat li saret fl-uffiċju ta’ l-Ispettur Norbert Ciappara jidher li l-imputat kien wieġeb li pprova jiskarta meta kien Manoel Island, li hu kellu l-vizzju tad-droga u li dakinhar kellu relapse. Huwa beża għax kellu l-

affarijiet fuqu u qal li dawn kienu tiegħu. Huwa xtara l-eroina dakinhar għall-prezz ta’ għaxar liri (Lm10).

8. Mistoqsi “Għala meta l-Pulizija waqqfuk inti bqajt issuq għal fuq il-karozza tal-Pulizija?” l-imputat wieġeb li ried jilħaq jarmi l-affarijiet. Huwa qal li meta kien saq għal fuq il-Pulizija, f’dak il-mument, waqt l-istqarrija rrealizza li seta’ n-nies. Il-karozza tiegħu għandha n-numru tar-reġistrazzjoni IAM 649 u hija tat-tip Mazda 323. Huwa mill-ewwel qal li kien lest li jagħmel tajjeb għall-kolliżjoni.

9. Xhud ieħor tal-Prosekuzzjoni PC18 Christian Mifsud qal li fil-ħdax u nofs ta’ filgħodu (11.30 a.m.) kienu Manoel Island fejn il-Med Serv. Kienu raw vettura pparkjata, Mazda 323 bin-numru IAM 649, huma ħarsu lejn il-persuna u l-okkupant xegħel il-karozza u ħarab jiġri. Ġrew warajh bis-sirena u bil-beagle lights. Huma rawh jarmi borża tal-kulur kannella u oġġett tal-metall minn ġot-tieqa tal-karozza. Imbagħad naqas l-ispeed, il-Pulizija qabżuh, PC 1553 fetaħ il-bieba tal-karozza u l-imputat laqat il-bieba tal-karozza. Huma ħarġu mill-bieba tal-karozza, ħarġu lill-imputat u tefgħuh fil-karozza tal-Pulizija, waqt li sejjħu għall-assistenza. Wara sabu siringa ħdejn il-container. Din ġabarha PC 1553 mit-triq minn fejn remiha l-imputat. Huwa għaraf ukoll is-citric acid li kien ġos-seat tal-karozza. In kontro-eżami, Christian Mifsud qal li huma ma kienux għalqu l-angolu.

10. PC 1553 Saviour Spiteri qal li l-karozza qabdet u saqet b’veloċita’ qawwija. Waqt li kienu qegħdin jiġru warajha, l-imputat rema’ xi affarijiet. Ma waqafx mill-ewwel (ara fol. 30) imbagħad waqaf fejn l-A1 Bar. Huwa pprova jitlaq minn hemm u laqat il-bieba tal-karozza. Il-bieba kienet miftuħa. Il-Pulizija kien nieżel minn ġol-karozza biex jieqaf ħalli jkellmu. Għall-mistoqsijiet mill-Qorti huwa wieġeb li kien hemm dawl biżżejjed u li ma jużax nuċċali. Imbagħad għaraf l-affarijiet li diġa’ ssemmew qabel, li kienu ntremew mill-karozza, filwaqt li qal li s-citric acid kien fil-karozza.

11. Xhud ieħor tal-Prosekuzzjoni kien PS 61 Josef Ciappara li qal li fid-data msemmija kienu rċevew

messaġġ illi xi membri tal-Pulizija kellhom bżonn assistenza. Dawn kienu PC 1553 u PC 18. Meta wasal fuq il-post huwa ra il-bieba ta' l-imputat imdaħħla ġol-bieba tal-Pulizija, at 90 degrees. Fuq il-post, l-imputat kien qallu li kienu ġrew warajh il-Pulizija u biex jaħrab kien saq b'veloċita' pero' mbagħad meta waqaf qal li sabiex jaħrab kien rahom jiftħu l-bieba u kien ipprova jiżgiċċalhom u dahal ġol-karozza tagħhom. Hawnhekk issemmew l-affarijiet li diġa' xehdu fuqhom ix-xhieda l-oħra.

12. Xehed PS836 Alexander Taliana illi qal li fid-data msemmija kienu fuq patrol meta semgħu li kien hemm bżonn assistenza ħdejn l-A1 Bar, fil-Gżira. L-individwu rriżulta li kien l-imputat, Nicholas Borg u waqt li kien qed jitkellem ma' sħabu qalulu x'ġara. Huwa kien fit-tfittxija u indika l-pakkett u s-citric acid u xi affarijiet oħra li mar ħaddieħor fuqhom, ġewwa Tigne.

13. Xehed ukoll PS 16 Martin Cordina li wkoll kien imsejjaħ sabiex jagħti l-għajnuna tiegħu, sab il-vettura IAM 649 tat-tip Mazda, wieqfa biswit vettura oħra DBA 091 tat-tip Kia, propjeta' tal-Gvern ta' Malta fit-taqsima tal-Korp tal-Pulizija. Il-bieba tal-passiġġier kienet miftuħa u l-karozza l-oħra kienet kif qed jesbixxi, għaliex l-istess xhud huwa fil-fatt dak li ppreżenta skeċċ li jidher a fol. 46. fil-fatt il-karozza tal-Pulizija tidher fuq in-naħa tal-lemin, jekk inti tħares lejn il-foglio fejn hemm miktub quddiemha, Ta' Xbiex Sea Front, waqt li dik ta' l-imputat tidher ħdejn tal-Pulizija u l-bieba tal-passenger seat tal-Pulizija tidher miftuħa eżatt tmiss mal-karozza ta' l-imputat. L-okkorrenza tinsab ukoll imniżżla u ppreżentata a fol. 43 u 44. Skond dan ix-xhud, kif il-Pulizija rnexxielhom jaslu ħdejn l-imputat, il-karozza tas-servizz waqfet u ieħor, kif il-passiġġier eżatt kien jiftaħ il-bieba, baqa' dieħel fuq il-bieba tagħhom. L-imputat kien qallu li kien ħiereġ minn Manoel Island lejn Ta' Xbiex meta sema' ħoss ta' sirena u peress li ħaseb li mhux intenzjonata għalih, hu baqa' jsuq u waqaf eżatt fejn il-vettura l-oħra. Huwa kien innota wkoll li Nicholas Borg ma deherx f'sikktu mija fil-mija. L-okkorrenza għandha n-numru 6/L/5286/2003 a fol. 42.

14. PC 1471 John Debattista xehed illi l-ħsara li saret fuq il-GVP 448, il-karozza tal-Pulizija kienet tmenin lira Maltija (Lm80) panel beating u mija u tletin lira Maltija (Lm130) spray painting. B'kollox dawn jammontaw għal mitjen u għaxar liri Maltin (Lm210). Fil-fatt ippreżenta l-kont ta' mitjen u għaxar liri Maltin (Lm210) li jidher a fol. 49.

15. WPC 51 Louise Grech ikkonfermat li PC 1553 Saviour Spiteri u PC 18 Christian Mifsud kienu membri fil-Korp tal-Pulizija u ta' dan hija uriet ukoll id-dokumenti relattiivi.

16. PC 1471 John Debattista reġa' xehed fil-5 ta' April 2004 u qal li fil-fatt is-somma kienet telgħet għal mija u ħamsin lira Maltija (Lm150) u mhux mitejn u għaxar liri Maltin (Lm210) kif kien intqal qabel. Huwa jaf li l-Pulizija kienu tħallsu u li kienet issewwiet fil-garaxx tal-Pulizija u mhux privatament.

17. Xehed l-Ispiżjar Forensiku, Mario Mifsud li kien maħtur minn din il-Qorti sabiex jagħmel l-analiżi illi effettivament fuq l-esebiti li tawh hu qal li kien hemm dik li jgħidhula meconine li tagħti ndikazzjoni li kien hemm l-eroina. Għalkemm eroina, ma kienx hemm fil-fatt. Jiġifieri sustanzi illegali fil-fatt ma kienx hemm. Is-sustanza kristallina li kien hemm fid-dokument 04ADW03 kienet dik tas-citric acid. Vera li din tintuża fit-teħid tad-droga eroina, imma hi, is-citric acid m'hijiex kontrollata bil-liġi. Fid-dokument 04ADW01 instab is-sustanza kaffeina, li m'hijiex ikkontrollata bil-liġi. Fil-fatt dak li nstab, qal li huwa prodott ta' l-opiates u mhux by-products.

18. A fol. 117 sar verbal mid-Difiża fejn iddikjarat li d-danni subiti fuq il-vettura tal-Pulizija kienu tħallsu mill-istess imputat aktar kmieni f'dawn il-proċeduri.

19. Xehed Brian Farrugia li qal li mir-riċerka li għamel, il-Mazda 323 tal-kulur aħdar, bin-numru tar-reġistrazzjoni IAM 649 hija ta' Nicholas Alexis Borg mill-Ġżira, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 491583(M).

20. Fil-31 ta' Mejju, 2005 kienu nqraw l-artikoli filwaqt li l-imputat iddikjara li m'għandu ebda oġġezzjoni li l-kawża tkompli tinstema' b'mod sommarju minn din il-Qorti (a fol. 122).

21. Xehed ukoll l-imputat fid-Difiża li qal li jiftakar l-inċident li sar f'Manoel Island. Hu kien in-naħa ta' ġewwa u għaddiet karozza pajżana bajda li kien fiha żewġt irġiel. Hu ma kienx għarafhom mill-ewwel, il-karozza kienet qegħda warajh u għamlitlu sinjal biex jieqaf. Hu qabad u telaq. Ma kienx jaf li kienet karozza tal-Pulizija. L-imputat qal li mbagħad huma waqqfuh, imblukkawlu t-triq u ħarġu mbagħad induna li kienu Pulizija. Meta waqqfuh bil-karozza huma identifkaw ruħhom u immanettjawh. Meta sema' s-sirena iktar ippanikja u waqaf ħdejn il-bus terminus. L-imputat qal li kien għamel ħsara fil-bieba tax-xellug u qal li dan ġara wara li l-Pulizija mblukkaw it-triq. Huwa fetaħ il-bieba u waqaf għax qal kien ħa jweġġa lil xi ħadd. Il-bumper ta' quddiem laqat kemm kemm żgħira l-bieba kif kienet miftuħa. Ħsara ma kienx hemm ħafna pero' hu kien ħallas kollox mill-ewwel. Huma kienu ħaduha għand it-tellar li jaħdmu bih il-Pulizija, Ħal Qormi u ħallas l-ispejjeż kollha l-imputat.

22. Huwa qal li lill-Pulizija ma setax jolqothom għaliex dawn kienu ġol-karozza. Huwa ċaħad li offra xi reżistenza (a fol. 131), ħarġuh mill-karozza u tefgħuh fuq is-seat ta' wara. Lill-Pulizija ma laqathomx u qatt ma pprova jolqothom.

23. Fit-trattazzjoni, il-Prosekuzzjoni qagħdet fuq il-fatti u x-xhieda li nstemgħu waqt il-proċeduri. Id-Difiża qalet illi l-imputat saq minħabba l-paniku li kellu fuqu u saqsiet ukoll kif wieħed jista' jiftaħ bieba u lil dak li jkun meta tolqothielu jakkużak b'offiżi gravi. Id-Difiża qalet illi ma kienx hemm dik il-mens rea li jweġġa' lil xi ħadd.

24. Fid-19 ta' April, 2005, l-Avukat Ġenerali bagħat l-artikoli illi huma hekk:

a) Fl-artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216, 218, 325(a), 96, 97 338(ee), 17(b)(c), 31, 20, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;

b) Fl-artikoli 15(1)(a)(2)(3) u 18 tal-Kap. 65 u l-Avviż Legali numru 128 ta’ l-1994.

Ikkonsidrat

25. Minn dak li semgħet il-Qorti bħala xhieda u dak li ġie prodott quddiemha, jidher li saret ħsara lill-karozza tal-Pulizija bin-numru GVP 448 u li din il-ħsara kienet anqas minn ħames mitt lira Maltija (Lm500). Kienet bejn wieħed u ieħor mija u ħamsin lira Maltija (Lm150). Ta’ dan l-imputat ħallas. Jirriżulta wkoll illi kien qed isuq il-vettura tiegħu IAM 649, Mazda 323 bi speed eċċessiv. Infatti, PC 1553 Saviour Spiteri iddeskriva l-karozza li għalihom kienet suspettuża bħala “qabdet u saqet b’veloċita’ qawwija.” Minkejja li l-Pulizija kienu tawh is-sinjali biex jieqaf, għal darba, tnejn, l-imputat ma waqafx, imbagħad waqaf fejn l-A1 Bar (a fol. 30). Ma nġabet ebda prova illi l-Pulizija PC 1553 Saviour Spiteri u PC 18 Christian Mifsud sofrew xi ġrieħi. Il-kwistjoni tal-veloċita’ tissemma’ wkoll a fol. 34 mix-xhud PS 61 Josef Ciappara.

26. Il-Qorti ser teżamina l-artikoli mogħtija mill-Avukat Ġenerali seriatim.

27. L-artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216 u 218 kollha għandhom x’jaqsmu ma’ l-ewwel imputazzjoni – tentattiv ta’ offiża gravi billi l-imputat saq vettura il-vettura IAM 649 Mazda 323 fid-direzzjoni ta’ PC 1553 u PC 18. Meta għarblet il-fatti kif iddeskrivewhom PC 1553 u PC 18 jirriżulta li dawn l-uffiċjali ġrew **wara** l-imputat sakemm ġew miegħu. Huwa waqaf u huma waqfu miegħu. PC 1553 fetaħ il-bieba tal-karozza u l-imputat saq biċċa oħra u laqat il-bieba tal-karozza. L-iskeċċ imħejji minn PS 16 Martin Cordina jikkonferma l-aħħar parti tad-dinamika ta’ l-inċident. Fil-fehma tal-Qorti l-imputat kien negliġenti kif saq u saq bi spid li seta’ kkaġuna feriti serji. Dan irrealizzah l-imputat stess waqt l-istqarrija li għamel.

28. Iżda għall-Qorti huwa diffiċli li tikkonkludi li l-imputat kellu l-***mens rea*** biex iweġġa’ lill-Pulizija b’xi ferita gravi u permanenti. Ir-raġunijiet huma tnejn:

(a) L-imputat jidher li ppannikja u

(b) huwa kien aktar moħħu li jarmi l-affarijiet li kellu qabel jaqdbuh il-Pulizija milli li jweġġa' lil xi ħadd.

29. Barra dan, sakemm waqaf l-imputat biswit il-karozza tal-Pulizija, ma kienx qed jiġri fid-direzzjoni tal-Pulizija għax kienu dawn li kienu qed jiġru fid-direzzjoni tiegħu biex iwaqqfuh.

30. Dwar l-aħħar parti ta' l-inċident, meta l-imputat laqat il-bieba tal-karozza, il-Qorti tikkonkludi li dan kien sewqan negliġenti u bi spid qawwi iżda dwar dan il-mument ukoll mill-proċess m'hemmx provi biżżejjed biex il-Qorti tista' ssib lill-imputat ħati ta' tentattiv ta' ferita gravi fuq PC 1553 jew PC 18 jew it-tnejn.

31. Għaldaqstant il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni taħt l-artikoli msemmijin s'issa.

32. L-Avukat Ġenerali ta wkoll l-artikolu 325 (a) tal-Kap 9. Jirriżulta mill-proċess li l-imputat għamel il-ħsara li kienet tammonta madwar Lm150 u li ħallas għaliha mal-ewwel. Għaldaqstant il-Qorti qed issib lill-imputat ħati skond dak li hemm fl-artikolu 325(1)(b) li huwa kompriż hu involut fl-artikolu mogħti.

33. Artikolu ieħor li ngħata kien l-artikolu 96 li jgħid hekk:

'Kull min jattakka jew jagħmel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz publiku, fil-waqt li kun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi minn awtorita' kompetenti, jeħel, meta jinstab ħati –

(a) jekk l-attakk jew ir-reżistenza jsiru minn wieħed jew tnejn min-nies, il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa sena;'

34. Skond in-Noti tal-Professur Mamo, l-elementi ta' dan ir-reat huma:

(1) The first element consists in an attack or resistance. Mere disobedience of the law or of the orders of the public authority does not constitute the crime in question…….It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of the lawful orders or the competent authorities that the crime of attack or resistance with which we are now dealing can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authorities….The slightest use of force, however, when accompanying the attack or resistance is sufficient to constitute the material element of this crime. (Il-Pulizija versus Giuseppe Debono 3 ta' Novembru 1945).

(2) The second element of this crime refers to the condition or capacity of the person against whom the attack or resistance is directed. ….It is not necessary that the person concerned with the execution of the law should at the time be wearing his uniform.

(3) The third element is that the attack should take place in the act of the execution by them of the law or of the lawful order from a competent authority.'[1]

35. Il-Qorti kkunsidrat li kienu ppruvati dawn l-elementi:

(a) It-tieni element għaliex il-Pulizija PC 1553 u PC 18 huma persuni inkarigati minn servizz pubbliku kemm għaliex jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' l-artikolu 92 kif ukoll għaliex saret il-prova li huma membri tal-Pulizija.

(b) Parti mit-tielet element – li l-Pulizija kienu qed jesegwixxu liġi.

36. L-ewwel element (li jerġa' jidher bħala parti mit-tielet) – jiġifieri l-attakk – ma kienx ippruvat 'l hemm minn kull dubju raġonevoli. Il-Qorti qed tħares lejn żewġ mumenti:

[1] Professur Anthony Moamo Criminal Law Notes Part Ii Paġni 48- 49.

(a) L-ewwel moment: meta l-karozza ta' l-imputat ħabtet mal-bieba tal-karozza tal-Pulizija. Skond l-imputat il-bumper laqat kemm, kemm żgħira l-bieba kif din infetħet mill-Pulizija. Skond il-verżjoni ta' PC 18 l-imputat laqat il-bieba meta l-imputat saq biċċa oħra. Skond ix-xhieda ta' PC 1533 'Kif waqaf eżatt it-traffiku, waqafna aħna miegħu. Ipprova jitilqilna u laqtilna l-bieba.' Il-Pulizija li kienu fuq il-post ma ddeskrivewx il-ħabta mal-bieba tagħhom bħal attack deliberat u hawn qed jaqblu mal-verżjoni li ta l-imputat. L-imputat żbalja għax ma baqax wieqaf meta l-Pulizija waqqfuh. Iżda din hija kwistjoni oħra. Il-ħabta ma tistax tissejjaħ dħul deliberat u kkalkolat mill-imputat.

(b) It-tieni moment huwa meta l-imputat inħareġ mill-karozza. La l-Pulizija li kienu fuq il-post u lanqas dawk li ssejħu biex jgħinu ma xehdu li l-imputat għamel xi reżistenza. Skond l-imputat 'Qabad u ħariġni mill-karozza u tefagħni fuq is-seat ta' wara.'

37. Il-Qorti qed tikkonkludi li ma kien hemm ebda prova ta' attakk u għalhekk jonqos element importanti għat-tkomplija tar-reat. Għaldaqstant il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn kull ħtija taħt dan l-artikolu.

L-artikolu 97

38. Il-liġi tqis dan l-artikolu bħala aggravanti għall-artikolu ta' qabel.

39. 'Kull min fost il-ħatjin imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, fil-waqt ta' l-attakk jew tar-reżistenza, juża arma regulari jew ikun ħa fuqu min qabel din l-arma bil-ħsieb li jgħin dak l-attakk jew reżistenza u jinqabad b'dik l-arma fuqu, jeħel il-priġunerija minn disa' xhur sa tliet snin.'

40. Apparti li din il-Qorti ma sabitx l-imputat ħati ta' xi ksur ta' l-artikolu 96, l-imputat ma uża ebda arma ukoll jekk wieħed iqis id-definizzjoni ta' arma regulari skond id-definizzjoni fl-artikolu 64 u jinkludi fiha l-karrozza ta' l-imputat.

41. Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn kull ħtija taħt dan l-artikolu.

L-artikolu 338(ee)

42. Dan l-artikolu huwa l-kontravenzjoni li tonqoal dak l-għemil ta' persuna li ma tobdix l-odrnijiet leġittimi ta' l-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkariga minn servizz pubbliku.

43. Il-Qorti ssib lil-imputat ħati ta' din il-kontavenzjoni għaliex ma obdiex l-ordni tla-Pulizija biex jieqaf speċjalment meta imbagħadipprova jiżgiċċa.

L-artikolu 20

44. Dan ma japplikax għall-każ odjern.

L-artikolu 23

45. Il-Qorti ma tistax tapplika dan l-artikolu għaliex il-karozza qatt ma kienet ippreżentata formalment.

L-Artikolu 533

46. Il-Qorti mhix ser tapplika dan l-artikolu minħabba li l-espert imqabbad irrelata dwar elementi ta' possibilita' ta' reat ieħor li qatt ma deher bħala imputazzjoni u lanqas taħt l-artikoli ta' l-Avukat Ġenerali. Barra dan i-riżultat kien fin-negattiv.

L-artikoli 15(1)(a)(2)(3) u 18 tal-Kap 65 u l-Avviż Legali 128 ta' l-1994

47. Jifrriżulta mill-atti li l-imputat saq il-karozza tiegħu b'veloċita' qawwija, u b'mod negliġenti, bla kont u perikoluż tant li baqa' dieħel fil-bieba tal-karozza tal-Pulizija. Għaldaqstant il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' ksur ta' l-artikolu 15(1)(a)(2)(3) tal-Kap 65 iżda mhux ta' l-artikolu 18 ta' l-istess Kap u tar-regolament 127 ta' l-Avviż Legali 128 ta' l-1994.

48. Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216, 218, 325(a), 96, 97, 338(ee), 17(b)(c), 31, 20, 23, u 533 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-artikoli 15(1)(a)(2)(3) u 18 tal-Kap 65 u r-regolament 127 ta' l-Avviż Legali Numru 128 ta' l-1994 qed issib

(a) lill-imputat ħati ta' ksur ta' l-artikoli 325(1)(b), 338(ee) tal-Kap 9 kif ukoll ħati ta' ksur ta' l-artikolu 15(1)(a)(2)(3) tal-Kap 65 u tar-regolament 127 ta' l-Avviż Legali 128 ta' l-1994; (it-tieni imputazzjoni, r-raba', l-ħames u tas-sitt imputazzjoni;

(b) mhux ħati ta' xi ksur ta' l-artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216, 218, 96, 97 tal-Kap 9 u qed tilliberah mill-imputazzjonijiet dedotti kontra ta' l-imputat li huma konnessi ma' dawn l-artikoli; (imputazzjoni numri wieħed u tlieta);

(ċ) Mhix tapplika l-artikoli 20, 23 u 533.

49. Dwar il-piena, il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u l-fatt li l-imputat mal-ewwel ħallas tal-ħsara li kkaġuna. Għaldaqstant, wara li sabitu ħati kif spjegat aktar 'il fuq il-Qorti qegħda tipprovdi hekk:

(a) Flok tikkundannah għar-reat taħt l-artikolu 325 (1)(b) tal-Kap 9 qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor fi żmien tliet snin mil-lum. Il-Qorti spjegat l-artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputat fi kliem sempliċi.

(b) Dwar il-ksur ta' l-artikolu 338 (ee) tikkundannah iħallas amenda ta' Lm25;

(ċ) Dwar il-ksur ta' l-artikolu 15(1)(a)(2)(3) tal-Kap 65 kif ukoll tar-regolament 127 ta' l-Avviż Legali 128 ta' l-1994 tikkundannah iħallas multa ta' Lm100 (mitt lira Maltija) **u** qed tiskwalifikah milli jkollu liċenzja tas-sewqan għal tliet **(3)** xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------